PARLAMENT EWROPEW 2009 - 2014

*Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali*

**2011/2275(INI)**

01.6.2012

# EMENDI
# 1 - 19

**Abbozz ta' rapport**
**Morten Messerschmidt**
(PE478.571v01-00)

dwar it-28 rapport annwali dwar il-monitoraġġ tal-applikazzjoni tal-liġi tal-UE (2010)
(COM(2011)0588)

AM_Com_NonLegOpinion

**Emenda 1**
**Andrew Duff, Alexandra Thein**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 2**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Ifakkar li, għal aktar minn 10 snin, il-Parlament u l-Kummissjoni ppruvaw ***iżda mingħajr eżitu,*** jinkludu fid-direttivi dispożizzjonijiet vinkolanti dwar it-tabelli ta' korrelazzjoni, li spiss ġew miċħuda mill-Kunsill, u ***jilqa'*** l-ftehim milħuq; | 2. Ifakkar li, ***minkejja l-oppożizzjoni tal-Kunsill,*** għal aktar minn 10 snin, il-Parlament u l-Kummissjoni ppruvaw jinkludu fid-direttivi dispożizzjonijiet vinkolanti dwar it-tabelli ta' korrelazzjoni, li spiss ġew miċħuda mill-Kunsill, u ***jinnota*** l-ftehim milħuq; |

Or. en

**Emenda 2**
**Andrew Duff, Alexandra Thein**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 3**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Jenfasizza li t-tabelli ta' korrelazzjoni huma għodda ta' valur kbir biex jippermettu lill-Kummissjoni u lill-Parlament jissorveljaw it-traspożizzjoni korretta ***tad-direttivi*** mill-Istati Membri, minħabba li r-relazzjoni bejn id-direttiva u d-dispożizzjonijiet nazzjonali korrispondenti spiss hija kkumplikata ħafna u xi kultant kważi impossibbli li tinstab; | 3. Jenfasizza li t-tabelli ta' korrelazzjoni huma għodda ta' valur kbir biex jippermettu lill-Kummissjoni u lill-Parlament jissorveljaw it-traspożizzjoni ***u l-applikazzjoni*** korretta ***tal-liġi tal-Unjoni*** mill-Istati Membri, minħabba li r-relazzjoni bejn id-direttiva u d-dispożizzjonijiet nazzjonali korrispondenti spiss hija kkumplikata ħafna u xi kultant kważi impossibbli li tinstab; |

Or. en

**Emenda 3**
**Paulo Rangel**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 3a (ġdid)**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3 a. Jilqa' l-implimentazzjoni tal-għodod għall-ġestjoni ta' każijiet relatati mal-applikazzjoni tal-liġi tal-UE (CHAP u "EU Pilot") u r-riżultati pożittivi li qed jipproduċu u jitlob lill-Kummissjoni biex tkompli tiżviluppahom u ttejjeb il-funzjonament tagħha;*** |

Or. en

**Emenda 4**
**Paulo Rangel**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 3b (ġdid)**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3 b. Jesprimi dispjaċir, madankollu, dwar in-numru enormi ta' każijiet b'nuqqas ta' komunikazzjoni (470 pendenti fl-2010);*** |

Or. en

**Emenda 5**
**Zita Gurmai, Evelyn Regner**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 4 – punt a (ġdid)**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(a) Jindika li l-petizzjoni hija strument xieraq li għandu jintuża miċ-ċittadini, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-intrapriżi biex jirrapurtaw nuqqas ta' konformità mal-liġi tal-UE mill-*** |

| | |
|---|---|
| | ***awtoritajiet tal-Istati Membrii f'livelli differenti; jistieden lill-Kummissjoni, f'dan ir-rigward, biex tissalvagwardja t-trasparenza tal-proċeduri kontinwi ta' ksur billi tinforma liċ-ċittadini fil-ħin u b'mod xieraq bl-azzjoni li ttieħdet fuq it-talba tagħħhom;*** |

Or. en

**Emenda 6**
**Gerald Häfner**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 4a (ġdid)**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4 a. Jenfasizza l-importanza ta' prattika tajba ta' amministrazzjoni anke fir-rigward ta' proċeduri ta' ksur u jsejjaħ għall-istabbiliment ta' 'kodiċi ta' proċedura' fil-forma ta' regolament skont il-bażi legali tal-Artikolu 298 TFUE, li jistabbilixxi d-diversi aspetti tal-proċedura ta' ksur;*** |

Or. en

**Emenda 7**
**Andrew Duff, Alexandra Thein**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 5**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Ifakkar li n-nuqqas ta' osservanza tad-data ta' skadenza għat-traspożizzjoni ta' direttiva jikkostitwixxi ksur tat-Trattati, bħal kwalunkwe nuqqas ta' osservanza ta' dispożizzjonijiet sostantivi, u għandu jitqies u jiġi trattat kif xieraq;  jilqa' f'dan ir-rigward il-possibbiltà li nħolqot mit- | 5. Ifakkar li n-nuqqas ta' osservanza tad-data ta' skadenza għat-traspożizzjoni ta' direttiva jikkostitwixxi ksur tat-Trattati, bħal kwalunkwe nuqqas ta' osservanza ta' dispożizzjonijiet sostantivi, u għandu jitqies u jiġi trattat kif xieraq;  jilqa' f'dan ir-rigward il-possibbiltà li nħolqot mit- |

| | |
|---|---|
| Trattat ta' Lisbona għal ħlas ta' somma f'daqqa jew ta' penali li jiġu imposti f'każijiet bħal dawn fuq l-Istat Membru kkonċernat flimkien mas-sentenza dwar il-ksur; | Trattat ta' Lisbona għal ħlas ta' somma f'daqqa jew ta' penali li jiġu imposti f'każijiet bħal dawn fuq l-Istat Membru kkonċernat flimkien mas-sentenza dwar il-ksur ***skont l-Artikolu 260(3) TFUE***; |

Or. en

**Emenda 8**
**Andreas Mölzer**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 5**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Ifakkar li n-nuqqas ta' osservanza tad-data ta' skadenza għat-traspożizzjoni ta' direttiva jikkostitwixxi ksur tat-Trattati, bħal kwalunkwe nuqqas ta' osservanza ta' dispożizzjonijiet sostantivi, u għandu jitqies u jiġi trattat kif xieraq; jilqa' f'dan ir-rigward il-possibbiltà li nħolqot mit-Trattat ta' Lisbona għal ħlas ta' somma f'daqqa jew ta' penali li jiġu imposti f'każijiet bħal dawn fuq l-Istat Membru kkonċernat flimkien mas-sentenza dwar il-ksur; | 5. Ifakkar li n-nuqqas ta' osservanza tad-data ta' skadenza għat-traspożizzjoni ta' direttiva jikkostitwixxi ksur tat-Trattati, bħal kwalunkwe nuqqas ta' osservanza ta' dispożizzjonijiet sostantivi, u għandu jitqies u jiġi trattat kif xieraq; jilqa' f'dan ir-rigward il-possibbiltà li nħolqot mit-Trattat ta' Lisbona għal ħlas ta' somma f'daqqa jew ta' penali li jiġu imposti f'każijiet bħal dawn fuq l-Istat Membru kkonċernat flimkien mas-sentenza dwar il-ksur; ***madankollu, fid-dawl tas-sitwazzjoni finanzjarja diffiċli f'ħafna Stati Membri, jikkunsidra bħala disputabbli jekk dak il-ħlas ta' penali jistax qatt jinġabar fil-prattika;*** |

Or. de

**Emenda 9**
**Andrew Duff, Alexandra Thein**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 5a (ġdid)**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***5 a. Jilqa' l-impenn tal-Kummissjoni li tagħmel użu mill-istrument tal-Artikolu 260(3) TFUE bħala prinċipju f'każijiet ta' nuqqas tat-twettiq ta' obbligu kopert minn din id-dispożizzjoni, li jikkonċerna t-traspożizzjoni ta' direttivi adottati taħt proċedura leġiżlattiva;*** |

Or. en

**Emenda 10**
**Paulo Rangel**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 6a (ġdid)**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***6 a. Jenfasizza li taħriġ legali Ewropej huwa strument ewlieni biex tkun żgurata l-applikazzjoni korretta tal-liġi tal-UE u jilqa' l-inizjattiva tal-Kummissjoni li tipprepara Komunikazzjoni fuq dan is-suġġett;*** |

Or. en

**Emenda 11**
**Andrew Duff, Alexandra Thein**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 7**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| 7. Jiġbed l-attenzjoni lejn l-applikabbiltà diretta tad-dispożizzjonijiet ta' direttivi meta dawn ikunu preċiżi biżżejjed u mhux kondizzjonati ('effett dirett'), jissuġġerixxi li l-Kummissjoni tirreferi għal | 7. Jiġbed l-attenzjoni lejn l-applikabbiltà diretta tad-dispożizzjonijiet ta' direttivi meta dawn ikunu preċiżi biżżejjed u mhux kondizzjonati ('effett dirett'), jissuġġerixxi li l-Kummissjoni tirreferi għal |

| | |
|---|---|
| dispożizzjonijiet bħal dawn fil-ġustifikazzjoni tagħha għal direttiva ***u huwa tal-fehma li l-professjoni legali għandha ssir aktar konxja tagħhom***; | dispożizzjonijiet bħal dawn fil-ġustifikazzjoni tagħha għal direttiva; |

Or. en

**Emenda 12**
**Paulo Rangel**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 7**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 7. Jiġbed l-attenzjoni lejn l-applikabbiltà diretta tad-dispożizzjonijiet ta' direttivi meta dawn ikunu preċiżi biżżejjed u mhux kondizzjonati ('effett dirett'), ***jissuġġerixxi li l-Kummissjoni tirreferi għal dispożizzjonijiet bħal dawn fil-ġustifikazzjoni tagħha għal direttiva u huwa tal-fehma li l-professjoni legali għandha ssir aktar konxja tagħhom***; | 7. Jiġbed l-attenzjoni lejn l-applikabbiltà diretta tad-dispożizzjonijiet ta' direttivi meta dawn ikunu preċiżi biżżejjed u mhux kondizzjonati ('effett dirett'), ***skont il-ġurisprudenza kkonsolidata tal-Qorti tal-Ġustizzja***; |

Or. en

**Emenda 13**
**Andreas Mölzer**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 7**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 7. Jiġbed l-attenzjoni lejn l-applikabbiltà diretta tad-dispożizzjonijiet ta' direttivi meta dawn ikunu preċiżi biżżejjed u mhux kondizzjonati ('effett dirett'); jissuġġerixxi li l-Kummissjoni tirreferi għal dispożizzjonijiet bħal dawn fil-ġustifikazzjoni tagħha għal direttiva ***u*** huwa tal-fehma li l-professjoni legali | 7. Jiġbed l-attenzjoni lejn l-applikabbiltà diretta tad-dispożizzjonijiet ta' direttivi meta dawn ikunu preċiżi biżżejjed u mhux kondizzjonati ('effett dirett'); jissuġġerixxi li l-Kummissjoni tirreferi ***b'mod espliċitu*** għal dispożizzjonijiet bħal dawn fil-ġustifikazzjoni tagħha għal direttiva ***sabiex jiġi ffaċilitat l-użu tagħhom;*** huwa tal- |

| | |
|---|---|
| għandha ssir aktar konxja tagħhom; | fehma li l-professjoni legali għandha ssir aktar konxja tagħhom; |

Or. de

**Emenda 14**
**Evelyn Regner**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 7**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 7. *Jiġbed* l-attenzjoni lejn l-applikabbiltà diretta tad-dispożizzjonijiet ta' direttivi meta dawn ikunu preċiżi biżżejjed u mhux kondizzjonati ('effett dirett'); jissuġġerixxi li l-Kummissjoni tirreferi għal dispożizzjonijiet bħal dawn fil-ġustifikazzjoni tagħha għal direttiva u huwa tal-fehma li l-professjoni legali għandha ssir aktar konxja tagħhom; | 7. ***Jikkunsidra l-għażla ta' strument legali tad-direttiva bħala element importanti ta' regolamentazzjoni tajba, ladarba fil-kuntest tal-implimentazzjoni mil-liġi nazzjonali, huma kkunsidrati l-kundizzjonijiet tas-sistemi legali nazzjonali, u l-liġi Ewropea tista' tiġi stabbilita aħjar fil-liġi nazzjonali rispettiva;*** *jiġbed* l-attenzjoni lejn l-applikabbiltà diretta tad-dispożizzjonijiet ta' direttivi meta dawn ikunu preċiżi biżżejjed u mhux kondizzjonati ('effett dirett'); jissuġġerixxi li l-Kummissjoni tirreferi għal dispożizzjonijiet bħal dawn fil-ġustifikazzjoni tagħha għal direttiva u huwa tal-fehma li l-professjoni legali għandha ssir aktar konxja tagħhom; |

Or. de

**Emenda 15**
**Andrew Duff, Alexandra Thein**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 8**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***8. Jistieden lill-Kummissjoni biex tevalwa f'kull każ jekk, fid-dawl tan-numru*** | ***imħassar*** |

***enormi ta' każijiet b'nuqqas ta' komunikazzjoni (470 pendenti fl-2010), l-għażla ta' regolament minflok direttiva hijiex aktar xierqa; jinnota li dan fl-istess ħin isolvi l-problema tal-Istati Membri li jmorru lil hinn mill-istandards meħtieġa minn direttiva, li jinvolvi effett protezzjonistiku ('gold-plating');***

Or. en

**Emenda 16**
**Paulo Rangel**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 8**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 8. Jistieden lill-Kummissjoni biex ***tevalwa f'kull każ jekk, fid-dawl tan-numru enormi ta' każijiet b'nuqqas ta' komunikazzjoni (470 pendenti fl-2010), l-għażla ta' regolament minflok direttiva hijiex aktar xierqa***; ***jinnota li dan fl-istess ħin isolvi l-problema tal-Istati Membri li jmorru lil hinn mill-istandards meħtieġa minn direttiva, li jinvolvi effett protezzjonistiku ('gold-plating');*** | 8. Jistieden lill-Kummissjoni biex ***tagħti preferenza għall-użu ta' regolamenti, kull meta jkun possibbli skont it-Trattati u l-prinċipju ta' sussidjarjetà***; |

Or. en

**Emenda 17**
**Andreas Mölzer**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 8**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 8. Jistieden lill-Kummissjoni biex tevalwa f'kull każ jekk, fid-dawl tan-numru enormi ta' każijiet b'nuqqas ta' komunikazzjoni | 8. Jistieden lill-Kummissjoni biex tevalwa f'kull każ jekk, fid-dawl tan-numru enormi ta' każijiet b'nuqqas ta' komunikazzjoni |

| | |
|---|---|
| (470 pendenti fl-2010), l-għażla ta' regolament minflok direttiva hijiex aktar xierqa; jinnota li dan fl-istess ħin isolvi l-problema tal-Istati Membri li jmorru lil hinn mill-istandards meħtieġa minn direttiva, li jinvolvi effett protezzjonistiku ('gold-plating'); | (470 pendenti fl-2010), ***il-kwistjoni kkonċernata tistax madankollu, tiġi rregolata aħjar fuq livell Ewropew jew viċi versa*** l-għażla ta' regolament minflok direttiva hijiex aktar xierqa; jinnota li dan ***tal-aħħar*** fl-istess ħin isolvi l-problema tal-Istati Membri li jmorru lil hinn mill-istandards meħtieġa minn direttiva, li jinvolvi effett protezzjonistiku ('gold-plating'); |

Or. de

**Emenda 18**
**Zita Gurmai, Evelyn Regner**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 8**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 8. Jistieden lill-Kummissjoni ***biex tevalwa f'kull każ jekk***, fid-dawl tan-numru enormi ta' każijiet b'nuqqas ta' komunikazzjoni (470 pendenti fl-2010), ***l-għażla ta' regolament minflok direttiva hijiex aktar xierqa***; jinnota li dan fl-istess ħin isolvi l-problema tal-Istati Membri li jmorru lil hinn mill-istandards meħtieġa minn direttiva, li jinvolvi effett protezzjonistiku ('gold-plating'); | 8. Jistieden lill-Kummissjoni, fid-dawl tan-numru enormi ta' każijiet b'nuqqas ta' komunikazzjoni (470 pendenti fl-2010), ***biex tagħmel użu aktar regolari tal-poteri tagħha skont l-Artikolu 260(3) TFUE li ġġib każ quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja u titlob li jiġi impost fuq Stat Membru l-pagament ta' somma sħiħa jew penali fejn dak l-Istati Membru naqas li jwettaq l-obbligu tiegħu li jinnotifika miżuri li jittrasponu direttiva adottata taħt proċedura leġiżlattiva***; |

Or. en

**Emenda 19**
**Paulo Rangel**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 8a (ġdid)**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***8 a. Jistieden lill-Kummissjoni u l-Istati Membri biex jaġixxu b'mod konġunt u konsistenti biex tinstab soluzzjoni għall-problema ta' 'gold-plating';*** |

Or. en